7 ta' Ottubru, 1954.

Imhallef :
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Kaptan Charles Vassallo ne.** *versus* **Neg. Paolo Mifsud ne.**

**"Agency Fees" — "Charterers' Fees" — "Winchmen" — Konswetudini Lokali.**

*L-"agency fees" għandhom jiġu stabbiliti skond it-tariffa tal-Kamra tal-Kummerċ; għalieҳ, għalkemm dik it-tariffa mhix universalment aċċettata, iżda tikkostitwixxi l-użu tal-Port.*

*Dwar iċ-"charterers' fees" ma hemm ebda tariffa u ebda użanza; iżda, billi l-funzjoni ta' dawn l-aġenti timplika pjù o meno l-istess responsabilitajiet li għandu l-aġent ta' l-"owner", hu xieraq illi d-drittijiet tagħhom jiġu kalkulati in bażi għall-istess tariffa.*

*Hija konswetudini illi l-ispejjeż tal-"winchmen" huma dejjem a kariku tal-vapur.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi l-bastiment Daniż "Karen" wasal Malta fid-19 ta' Jannar 1952 u siefer fl-24 ta' l-istess xahar, u kien rakkomandat lill-aġenti "Mifsud Brothers Limited"; illi, wara li l-bastiment telaq minn Malta, bagħtu l-kont taxxogħol tagħhom lill-kumpannija "Marius Nelsen and Son" ta' Copenhagen, li hija assoċjata fil-kumpannija "Danske Rederes Retsavaern" (Danish Shipowners Defence Association) u żammu l-ammont relativ; u illi l-kont tal-konvenut jikkonsisti f'xi partiti li huma eċċessivi, u f'oħrajn mhux dovuti mill-kumpannija proprjetarja tal-vapur fuq riferit; u li, wara korrispondenza bejnu u l-konvenut nomine, biċċa millpartiti ġew rifużi, iżda l-kumplament għadu dovut, u dawn il-partiti li għad għandhom jiġu rifużi jammontaw għas-som-

ma ta' £17. 3. 6 kumplessivament; talab illi l-istess konvenut jiġi kundannat jirrifondi lilu, fil-kwalità tiegħu premessa, is-somma fuq imsemmija ta' £17. 3. 6, jew ammont ieħor verjuri, akbar jew iżgħar, b'rifużjoni ta' £1. 10. 0 għall-"berthing and mooring"; £26. 10. 6 eċċess ta' "agency fees", £16 għall-"winchmen", u £3. 3. 0 għall-"clearance", mlaux dovuti lill-istess konvenut nomine, u kwindi minnu indebitament nżammu. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Ottubru 1952:

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut ammetta li għandu jirrifondi lill-attur issomma ta' £1. 10. 0 għall-"berthing and mooring", u dik ta' £3. 3. 0 imħallsa bħala "clearance fee", u kwindi l-kontestazzjoni tibqa' biss fuq is-somma ta' £26. 10. 6 li l-attur irid lura għaliex jippretendi li ħallashom in eċċess riferibilment għall-"agency fees", u fuq is-somma ta' £16 li l-istess attur ħallas għall-"winchmen", u li huwa jrid lura għaliex jippretendi li l-"winchmen" ma kellhomx jiġu mħallsin minn għandu;

Illi l-perit ġudizzjarju, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta;

Riferibilment għall-ewwel kwistjoni;

Illi skond l-impenji li l-attur nomine assuma fiċ-"Charter Party", huwa għandu jħallas l-"agency fees" u ċ-"Charterers' fees";

Illi l-konvenut għamel funzjoni doppja ta' aġent, ta' aġent ta' l-armatur u ta' aġent tan-noleġġjatur, u kwindi għandu d-dritt li jitħallas tant għal waħda kemm għall-oħra;

Illi, riferibilment għall-"agency fees", dawn għandhom jiġu stabbiliti skond it-tariffa tal-Kamra tal-Kummerċ; għaliex, għalkemm din it-tariffa mhix universalment aċċettata, iżda tikkostitwixxi l-użanza tal-Port; u skond din it-tariffa, lill-konvenut nomine kienet tistħoqqlu s-somma ta' £12. 12. 0;

Illi, riferibilment għaċ-"charterers' agent", ma hemm l-ebda tariffa u ma hemm l-ebda użanza; iżda, peress li l-funzjoni ta' dana l-aġent timplika pjù o meno l-istess responsabilitajiet li għandu l-aġent ta' l-"owner", hu xieraq li d-drittijiet tiegħu jiġu kalkulati in bażi għall-istess tariffa tal-Kam-

ra tal-Kummerċ, u kwindi għal dan ix-xogħol il-konvenut nomine kienet tistħoqqlu s-somma ta' £12. 12. 0 oħra;

Illi, għaldaqstiekk, peress li l-konvenut nomine kien ħaqqu s-somma ta' £25. 4. 0 komplessivament, fil-waqt li rċieva minn għand l-attur nomine s-somma ta' £39. 2. 6, huwa għandu jirrifondi s-somma ta' £13. 18. 6;

**Kwantu għat-tieni kwistjoni;**

Illi l-klawsola numru 6 taċ-"Charter Party" tobliga lill-armatur illi jikkonsenja l-merkanzija "alongside", indipendentement mill-ispiża li jkollu jagħmel biex jadempixxi dana l-obligu;

Illi, difatti, dik il-klawsola hija tat-tenur segwenti:— "Cargo to be received by merchants at their risk and expense alongside the vessel not beyond the reach of the tackle";

Illi, għalhekk, kull spiża inkorsa biex twassal il-merkanzija mill-istiva "over the ship's side" sal-barkun jew l-art, skond il-każ, hija spiża li għandha titħallas minn noleġġjant; u peress illi, biex merkanzija tista' tiġi konsenjata lin-noleġġjatur, iridu jiġu impjegati l-"winchmen", l-ispiża relattiva għandha tiġi sopportata mill-armatur;

Illi l-klawsola numru 20 — "Vessel to supply sufficient steam for winches, falls, gins, and all ship's gear for loading and discharging the cargo, if required by the charterers. Vessel to have four workable hatches" — mhix inkonsistenti mal-klawsola numru 6. Kienet tkun inkonsistenti kieku kienet tiddisponi illi l-ispejjeż tal-"winchmen" ikunu a kariku tan-noleġġjatur; għar-raġuni li ħaġa simili, fl-assenza ta' "winchmen clause", kienet tkun konfliġġenti ma' l-użu kostanti tal-vapur u tal-port, li jobligaw il-vapur li jagħti, għas-spejjeż tiegħu, dan is-servizz;

Illi, fl-aħħarnett, hija konswetudini illi l-ispejjeż tal-"winchmen" huma dejjem a kariku tal-vapur;

Illi kwindi l-"winchmen" kellhom jitħallsu mill-attur nomine skond l-użu tal-port, skond il-konswetudini tal-vapuri, u anki skond iċ-"Charter Party" adoperat, billi, ladarba sar użu minn "Charter Party" simili, in-noleġġjatur dejjem kien liberu minn kwalsijasi spiża sakemm il-vapur jikkonsenjalu l-merkanzija "not beyond the reach of her tackle",

Ikkunsidrat;

Illi skond il-perizja, kwindi, it-talba ta' l-attur nomine *għandha tiġi respinta riferibilment għar-rifużjoni ta' l-ispiża mħallsa* għall-"winchmen" u akkolta għar-rifużjoni ta' l-eċċess imħallas għall-"agency fees", limitatament għas-somma fuq indikata ta' £13. 18. 6, u wkoll għar-rifużjoni *tas-somma* ta' £1. 10. 0 għall-"berthing *and mooring*" u ta' £3. 3. 0 għall-"clearance", peress li d-dritt ta' l-attur nomine għar-*rifużjoni* ta' dawn iż-żewġ ammonti ta' flus ġie ammess mill-konvenut nomine;

Għall-motivi premessi;

Tilqa' t-talba ta' l-attur nomine limitatament għas-somma ta' £18. 11. 6, u tiċħadha għall-bqija; u tordna illi l-ispejjeż kollha tal-kawża u relativi *jitħallsu* mill-kontendenti skond ir-rispettiva vittorja u sokkombenza.

---